# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tnejn, 13 ta' Lulju 2020

## Talba Numru 18/2020SFJ

***Atlas Insurance PCC Limited (C5601)***
***vs.***
***Vision Operations Limited (C48510)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ippremettiet u talbet:

> "*Qiegħda tintalab is-somma ta' elf, tmien mija u tmienja u għoxrin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€1,828.28) jew somma oħra verjuri rappreżentanti l-ammont li r-rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited, li kienet ikkonkludiet polza ta' assigurazzjoni mal-intimata Vision Operations Limited rigwardanti l-vettura bin-numru HBQ219, ħallset (bħala l-assiguratriċi tal-vettura bin-numru HBQ219) lill-partijiet leżi konsegwenza tal-inċident awtomobilistiku tal-20 ta' Mejju 2016 ġewwa l-Imsida, li fiha kienet involuta l-istess vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBQ219 misjuqa minn Yassin Mousa u proprjetà ta' Vision Operations Limited, u liema somma l-intimata Vision Ooerations Limited hi obbligata tħallas u tirrifondi lir-rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited u dan stante li l-istes Vision Operations Limited kisret il-provvedimenti tal-imsemmija polza ta' assigurazzjoni li kellha ma' Atlas Insurance PCC Limited.*

> *Din is-somma baqgħet ma tħallsitx minkejja li l-intimata Vision Operations Limited ġiet interpellata tagħmel dan u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*
>
> *Flimkien ma' din is-somma, l-intimata għandha tiġi ikkundannata tħallas l-ispejjeż legali kollha inklużi l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali datata 14 ta' Awwissu 2018 u dik datata 15 ta' Jannar 2019 ippreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-imgħax legali mit-12 ta' Marzu 2018 (data tal-ħlas effettwat mir-rikorrenti lill-partijiet leżi) sad-data tal-ħlas effettiv tas-somma kollha.*"

Ra li l-konvenut ġie innotifikat bl-Avviż tat-Talba nhar it-30 ta' Jannar 2020 kif jidher mir-riferta datata 3 ta' Frar 2020. Din in-notifika kienet waħda personali kif jidher mir-riferta relattiva. Dan ifisser li kien jinkombi fuq is-soċjetà konvenuta li bejn it-30 ta' Jannar 2020 u d-data ta' din is-sentenza, tieħu interess fl-andament ta' din il-kawża li wara kollox, tirrigwarda lilha stess.

Ra li s-soċjetà konvenuta la ppreżenta Risposta u lanqas għamlet xi sottomissjoni kwalsiasi.

Ra li fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2020 ġie ivverbalizzat li s-soċjetà konvenuta kien skadielha t-terminu għar-Risposta u li msejħa tlett darbiet, hija ma dehritx.

Ra li fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2020 is-soċjetà attriċi ippreżentat kapitolu għas-subizzjoni tas-soċjetà konvenuta li bih riedet tipprova bil-ġurament li hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra l-affidavit ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2020 li permezz tiegħu, Henry Grech (174660M), li jaħdem mas-soċjeta attriċi, spjega li s-soċjeta konvenuta għandha tagħti l-ammont relattiv lis-soċjeta attriċi wara inċident awtomobilistiku stradali li seħħ fl-20 ta' Mejju 2016 fl-Imsida li fih kienet involuta l-vettura HBQ219, li hija proprjeta tas-soċjeta konvenuta. Grech xehed li l-ammont relattiv huwa dovut stante li s-soċjeta konvenuta kisret numru ta' provvedimenti tal-polza tal-assigurazzjoni ippreżentata (dokument HG03), fosthom li naqset li tipprovdi kopja tal-liċenzja tas-sewqan tal-persuna li kienet qed issuq il-vettura HBQ219 meta seħħ l-inċident relattiv. Grech qal li nuqqas ieħor tas-soċjeta konvenuta kienet li din naqset li tikkopera mas-soċjeta attriċi fl-ipproċessar tal-*claim*.

Ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

Ikkunsidra li l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Illi *siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li t-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u jqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Jidhirlu għalhekk lit-Tribunal li jirriżulta li l-affidavit ippreżentat mis-soċjeta attriċi jikkostitwixxi prova sħiħa u sodisfaċenti li ssostni t-talbiet tas-soċjeta attriċi.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallasha s-somma ta' elf, tmien mija u tmienja u għoxrin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€1,828.28) kif mitlub fl-Avviż tat-Talba bl-imgħaxijiet mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Billi ma ġiet ippreżentata ebda prova li kienet saret xi ittra uffiċjali, it-Tribunal huwa kostrett jiċħad il-parti tal-Avviż tat-Talba fejn intalab li s-soċjetà konvenuta tkun ikkundannata tħallas l-ispejjeż konnessi mal-istess ittra uffiċjali.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż ta' din l-azzjoni jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**